# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 38/2000**

**Il-Pulizija (Spetturi John Sacco u Martin Bayliss)**

**Vs**

**JOSEPH RAYMOND CHRISTIE**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Raymond Christie talli nhar it-23 ta'Novembru, 1998, ghal habta tat-3.15 p.m., mill-fond "Mohbija", Triq Salvu Bonanno, San Gwann (**1**) ikkommetta serq ta'diversi oggetti li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu ta'Alfred u Margaret Quintano, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, persuna u bil-lok , (**2**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor indahal sabiex jmexxihom jew ibieghhom, (**3**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, bil-hsieb li jghamel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt billi mill-istess fond imsemmi fl-ewwel akkuza, ipprova jisraq oggetti tad-deheb fl-ammont ta'aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000, ghad-dannu ta'Alfred u Margaret Quintano, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur, persuna u lok, u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, (**4**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe', fl-aperturi tal-fond hawn fuq imsemmi, liema hsara tiskorri l-Lm10 izda ma teccediex il-Lm50, u dan ghad-dannu ta' l-istess Alfred u Margaret Quintano, (**5**) sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 18 ta'Ottubru, 1996, u 26 ta' Novembru, 1997, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula, (**6**) kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta'Malta moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta'Marzu, 1998, fejn hu kien gie misjub hati w kien gie liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett snin.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 24 ta'Frar, 2000, li biha, filwaqt li ma sabetx lill-Joseph Raymond Christie hati fuq it-tieni, it-tielet, il-hames u is-sitt akkuzi w illiberatu minnhom, sabitu hati fuq l-ewwel u r-raba akkuzi dedotti kontrih u fuqhom ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Raymond Christie datat l-1 ta'Marzu, 2000, li bih talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja, kif ukoll fil-parti fejn iddikjaratu w sabitu hati fuq l-ewwel u r-raba akkuzi, tirriformaha fil-parti tal-piena billi dik inflitta fuqu mill-ewwel Qorti tigi mitigata.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT** :

Illi l-appell ta'Joseph Raymond Christie huwa limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena.

Illi appell simili bhal dan in ezami, fejn tikkoncerna l-piena biss, gie deciz illum stess minn din il-Qorti, kif presjeduta, fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Joseph Attard", Appell Numru 52/2000, fejn din il-Qorti semmiet x'inhuma dawk ic-cirkostanzi li hi tqies rilevanti w specjali, u li minhabba fihom jiggustifikawha tvarja dik il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti.

Il-Qorti mhiex sejra terga' tirrepeti dak li qalghet fil-proceduri msemmija, izda qed tghamel biss riferenza ghalihom u tiddikjara li qed tapplikahom fil-kunsiderazzjonijiet taghha li ghamlet dwar il-kaz odjern.

Bizzejjed jinghad hawnhekk li anke l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, meta giet biex tikkunsidra dawk il-fatturi kollha rilevanti ghall-piena, ghamlet diversi kunsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet. Izda, b'dana kollu, fl-ahhar dehrilha li ma setghetx jew ma kelliex tadotta dak li gie suggerit lilha fil-Pre-Sentencing Report tal-Probation Officer. Dan kien kollu kemm hu apprezzament li sar mill-ewwel Qorti, u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida legalment l-ghaliex ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti, li, wara, kollox, kienet hi li kellha kull opportunita' li tghix dawn il-proceduri tul certa tul ta'zmien u tara u tezamina lill-istess appellant quddiemha. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni specjali l-ghaliex ghandha b'xi mod tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant.

Dan kollu premess, u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, ghalhekk, filwaqt li qed tirrespingi kull aggravju ta' l-appellant, qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur